**Kunsill Lokali – Marsaxlokk – Local Council**

**ID-DISA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 19**

**29 ta' Lulju 2025**

Il-laqgħa numru 18 saret fil-bini amministrattiv tal-kunsill Lokali nhar it-Tlieta 29 ta' Lulju, 2025, fil- 16.00 ta' wara nofsinhar.

**PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Steven Grech | - | Sindku |
| Miriam Camilleri | - | Viċi Sindku |
| Matthew Bugeja | - | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA:**

| | | |
|---|---|---|
| Nazzareno Bugeja | - | Kunsillier |
| Daniel Zerafa | - | Kunsillier |

**ASSENTI:**
Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Tiffany Abela - Deputat Segretarju Eżekuttiv
Karl Cutajar - Accountant

| | |
|---|---|
| **19** | **Qari ta' ittri ta' apoloġija** |
| | F'din il-laqgħa kien hemm ittri ta' apoloġija waħda mingħand Reno u oħra mingħand Daniel. |
| | |
| **19.1** | **Risposta għal Management Letter** |
| | Karl qal li din il-laqgħa qed issir sabiex jingħalaq il-proċess tal-audit. Wara l-audit il-kunsill jirċievi managmenet letter u lum qed nirrispondu b'dak li naħsbu hi l-way forward. |
| | L-ewwel punt ser jiġi indirizzat fil-punti li jmiss. |
| | Fixed Asset Register – dan jidher f'kull management letter. Il-problema hi li dan jieħu ħafna ħin u nies sabiex jiġi implimentat. Dan rid isir mill-bidu li beda il-kunsill, issa sabiex tgħamel reġistru għal aktar minn 30 sena diffiċli. Però l-kunsill beda jgħamel dan ir-reġistru li hu laborjuż ħafna. |
| | LES Debtors – fir-rapport tal-loqus kien hemm differenza ta' Euro 2550. Din ser tiġi dikussa mal-loqus u sar l-aġġustament kif propost mill-awdituri |
| | Garnishee Order – din il-garnishee order ila mit-2008 u skond l-ES ta' qabel din kienet inalqet fit-2014. Ser niċċekkjaw sabiex hekk din tneħħiet, inkunu nistgħu nirranġaw l-accounts |
| | Cash and Cash Equivalents – il-kunsill qabel mal-aġġustamenti li talbu l-awdituri |
| | F'punt 5 Karl spjega li l-kunsill suppost iġib statements minn għand kull supplier. 90% tas-suppliers jibgħatu imma jkun hemm minnhom li ma jibgħatux. Fil-verita il-kunsill ma tantx għandu kontroll fuq dan. Fuq income minn grants għal proġetti kapitali, l-awdituri xtaqu li l-kunsill jitlob extension. Din ser issir. |
| | F'punt 6 terġa tissemma il-punt tal-joint Committee. Kien hemm ħafna diskussjonijiet mad-DLG sabiex dawn jiġu likwidati imma l-kunsill m'għandux kontroll fuqha. |
| | F'punt 7 Karl semma li l-kunsill kien ħallas somma bħala penali lil ERA fuq xi qtugħ bla permess tas-siġar. Il-kunsill wieġeb li dan sar b'intenzjoni tajba u li kien hemm ir-raġuni tas-saħħa u sigurtà u għalhekk kien sar il-qtugħ |
| | L-awdituri ukoll semmew il-punt li l-kunsill għandu problema ta' likwidita. Għaldaqstant il-kunsill ser iwieġeb li bħala kunsill kien hemm diġà taħdidiet mad-dipartiment, u anke segretarju parlamentari, kif ukoll il-Ministru sabiex din il-problema tissolva. Il-kunsill qed jgħamel minn kollox sabiex irażżan l-infiq u qed jonfoq biss permezz ta' skemi u fondi oħra. Il-kunsill jixtieq ukoll li l-allokazzjoni tiegħu tiżdied peress li din mhux qed tkun biżżejjed biex il-kunsill jopera speċjalment meta tikkunsidra li Marsaxlokk hu żona turistika importanti. |
| | |
| | **Fuq dawn ir-risposti kien hemm qbil bi 3 vot favur u xejn kontra.** |
| | Il-laqgħa ġiet fi tmiema għal ħabta tal-16.30. |

Konfermati, illum 12 ta' Awwissu, 2025.

IFFIRMATA

________________________

**Steven Grech**
*Sindku*

IFFIRMATA

________________________

**Tiffany Abela**
*Deputat Segretarju Eżekuttiv*

IFFIRMATA

________________________

***Proponent***

IFFIRMATA

________________________

***Sekondant***